**Diskors għaċ-ċerimonja tal-midalja tad-deheb**

**ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

**14 ta' Novembru 2023**

**Dr George Farrugia**

Eċċellenza, Sinjura Vella, Eċċellenza u Sinjura Spiteri, Membri tal-Kunsill tal-Akkademja, Sinjuri.

Niftaħ din is-serata billi qabelxejn nirringrazzja lilek, Eċċellenza li, għal darb'oħra lqajtna f'dan il-Palazz għal din iċ-ċerimonja li tfisser ħafna għall-Akkademja tal-Malti. Il-fatt li l-ogħla awtorità ta' pajjiżna qed tospitana f'darha jkompli jgħolli l-prestiġju ta' din iċ-ċelebrazzjoni sempliċi iżda bla dubju sinifikattiva ħafna.

L-għan taċ-ċerimonja tal-lejla huwa doppju, (i) li nfakkru t-twelid tal-Akkademja tal-Malti u (ii) li nagħtu ġieħ lil dik il-persuna li tul ħajjitha tkun tat kontribut siewi f'xi qasam jew ieħor tal-ilsien Malti, żewġ għanijiet li għalkemm mad-daqqa t'għajn jistgħu jidhru separati, fil-verità huma minsuġin flimkien.

F'Settembru tal-1920 xi ħadd bl-inizjali X.C., li naħsbu li kien Franġisk Saver Caruana, għamel talba fil-ġurnal *Il-Ħabib*, biex titwaqqaf xirka jew għaqda li tiġbor fiha l-kittieba tal-Malti. Fid-9 ta' Novembru ta' dik is-sena, ħarġet ċirkolari tistieden lill-kittieba kollha tal-Malti jieħdu sehem fl-ewwel laqgħa li kellha ssir nhar l-14 tax-xahar. U hekk ġara. Proprju fl-14 ta' Novembru tal-1920 sitta u tletin kittieb attendew dik il-laqgħa u oħrajn li ma setgħux jattendu, bagħtu ittri li fihom fissru l-intenzjoni tagħhom li jissieħbu. L-għaqda għall-bidu kienet magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Dan kien żmien meta lsienna kien imwarrab, nieqes mill-prestiġju, maqbud bejn żewġ ilsna kbar, wieħed ta' imperu kbir u l-ieħor meqjus tal-kultura, żewġ ilsna li fil-verità l-ebda wieħed minnhom mhuwa tagħna.

B'ħeġġa liema bħalha dawn is-sinjuri tal-Għaqda meddew għonqhom għax-xogħol bil-għan ewlieni li jistandardizzaw il-kitba tal-Malti u jxerrdu

l-letteratura tajba bil-Malti għax huma għarfu li dan l-ilsien huwa l-uniku lsien li jagħtina l-identità tagħna, mhux biss għax huwa l-mezz ewlieni tal-espressjoni tas-sentimenti ta' poplu iżda wkoll għax l-istess għaġna tiegħu hija r-rifless tal-ġrajjiet storiċi-soċjali li għaddew minnhom missirijietna, ġrajjiet li sawru ġens uniku. Din il-ħeġġa u d-determinazzjoni ta' dawn il-kittieba fundaturi tal-Għaqda hija mfissra b'mod metaforiku fl-editorjal ta' *Il-Malti*, ir-rivista li bdiet toħroġ l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fil-ħarġa tal-1935, (it-tieni ktieb). Nikkwota minn dan l-editorjal li jitkellem dwar il-bidu ta' din l-Għaqda:

"Ħu biċċa ħaġra taż-żnied, żommha tajjeb bejn is-saba' l-kbir u l-werrej ta' idek ix-xellugija; ħu biċċa azzar u żommha tajjeb bejn dawk is-swaba' ta' idek il-leminija, bl-azzar agħti daqqa ħafifa u qawwija fuq il-ħaġra u inti tara toħroġ xrara sabiħa li tista' tkebbislek il-lixka u tagħmillek in-nar. Donnu fil-ħaġra hemm bħal qawwa rieqda, illi meta tolqotha bis-saħħa u għal għarrieda, tqum, tixgħel u taħrab.

"Hekk, bosta drabi, fil-qalb tal-bniedem. Ikun hemm bħal qawwa moħbija, siekta bierda, illi ma' kelma li tolqotha sewwa tqum, tixgħel u titbiddel f'ħajja sabiħa, ta' ħerqa, ta' mħabba, ta' xogħol li jgħaġġeb.

"U hekk tnisslet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."

Il-ħidma ta' dawn il-membri tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li aktar tard, fl-1964 saret magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti, ma damitx wisq biex bdiet tagħti l-frott bit-tfassil ta' għodda lingwistika mibnija fuq prinċipji xjentifiċi li serviet ta' pedament għat-tixrid b'aktar ħeffa tal-letteratura Maltija. Fil-fatt, sena biss wara t-twaqqif tal-Għaqda, tfassal alfabett bil-għan li jiġi mħaddem mill-kittieba kollha tal-Malti u fl-1924 l-Għaqda ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* – l-ewwel manwal tal-ortografija tal-Malti li għaxar snin wara saret l-ortografija uffiċjali tal-Gvern, xogħol li fil-qofol tiegħu, għadu l-bażi tar-regoli tal-kitba ta' lsienna sal-lum.

U għadda ż-żmien u l-Għaqda baqgħet tikber u l-membri tagħha baqgħu jaħdmu qatigħ biex jaraw li lsien il-poplu jitħaddem kif xieraq kemm fil-qasam tal-letteratura u fl-oqsma kollha tal-ħajja, kif ukoll biex jassiguraw li lsienna jingħata d-dinjità li tixraqlu f'pajjiżu bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali. Maż-żmien inħasset il-ħtieġa li dawk li ddistingwew ruħhom f'din il-ħidma kollha marbuta mal-istudju ta' lsienna u l-kitba ta'

letteratura tajba bih, għandhom jiġu ppremjati mhux biss minħabba l-impenn tagħhom, iżda biex iservu wkoll ta' mudell għal ħaddieħor.

Kien proprju għalhekk li s-Sur Ġino Muscat Azzopardi ħaseb biex jibda jingħata premju msemmi għal missieru Ġużè, l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, biex iservi ta' inkoraġġiment li jkattar il-ħrara għall-ilsien Malti u għal kull sentiment nazzjonali. Dan il-premju ngħata l-ewwel darba fl-1946 lil Dun Karm Psaila u fid-diskors li għamel dakinhar is-Sur Ġino qal li kellu żewġ xewqiet: l-ewwel li ma jħallix isem missieru jintesa u t-tieni xewqa kienet li jara l-ilsien Malti, li tant ħabb missieru, jibqa' miexi 'l quddiem. Għalkemm dan il-premju, fil-verità, ma waqqfitux u ma ffinanzjatux l-Akkademja, nistgħu ngħidu li kien frott il-ħidma tagħha u sa mill-bidu nett kellha sehem importanti fid-deċiżjoni tar-rebbieħ. Il-premju kellu jibda jingħata fl-4 ta' Awwissu ta' kull sena, għeluq il-mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi, iżda maż-żmien, minħabba li f'dan il-perjodu ħafna nies ikunu msefrin, ġie deċiż li jibda jingħata proprju fl-14 ta' Novembru, jum it-twelid tal-Akkademja. Skont is-Sur David Agius Muscat, eks arkivista tal-Akkademja tal-Malti, jidher li dan il-premju ngħata l-aħħar darba fl-1972 lil Karmenu Vassallo u Anton Buttigieg.

Madanakollu, l-Akkademja dejjem baqgħet temmen fl-importanza ta' premju simili u fil-laqgħa tal-kunsill tal-Akkademja tas-27 ta' Frar 2013 il-membri qablu li l-Akkademja għandha tissokta t-tradizzjoni sabiħa li tingħata l-Midalja tad-Deheb Ġużè Muscat Azzopardi lil dik il-persuna li jkun jixirqilha dan il-ġieħ għall-ħidma tagħha letterarja jew lingwistika fl-oqsma tal-Malti. Fit-30 ta' Settembru 2016 f'laqgħa oħra tal-Kunsill ittieħdet id-deċiżjoni li f'Jum l-Akkademja terġa' tibda tingħata midalja tad-deheb, li però, kellha tibda tissejjaħ Ġieħ l-Akkademja tal-Malti. Din il-midalja tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu l-aktar b'ħidma fuq tul ta' żmien għall-iżvilupp tal-Ilsien Malti u/jew tal-letteratura Maltija biex iservi ta' ispirazzjoni u mudell għal kittieba u studjużi oħra tal-Malti.

Il-proċess huwa wieħed trasparenti. Il-Kunsill jieħu ħsieb jibgħat dokument uffiċjali lill-membri tal-Akkademja u permezz tiegħu l-imsieħba jinnominaw persuna li fil-fehma tagħhom ikun ħaqqha dan il-premju. Il-ġurija, magħmula mill-President tal-Akkademja tal-Malti flimkien mal-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-Kap

tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, jew delegati tagħhom, tagħmel l-għażla tagħha minn fost in-nominazzjonijiet li tirċievi u tista' wkoll tirrakkomanda persuni oħra li jidhrilha li jikkwalifikaw għal dan il-premju. Id-deċiżjoni tagħha tgħaddiha lill-Kunsill tal-Akkademja biex jieħu d-deċiżjoni finali, li s'issa ta' min jgħid, dejjem kienet kompatibbli ma' dik tal-ġurija għax min jista' ma jaqbilx li persuni bħall-Prof. Oliver Friggieri, Mons. Lawrenz Cachia, Trevor Żahra, Victor Fenech, Lina Brockdorff, il-Prof. Manwel Mifsud u l-Prof. Albert Borg ma jissodisfawx il-kriterji marbuta mal-għoti ta' dan il-premju?

U llum l-Akkademja se tkompli b'din it-tradizzjoni u tonora b'din il-midalja tad-deheb lil min tul ħajtu ħadem bis-sħiħ mhux għall-glorja tiegħu biss imma lil min, bil-pinna tiegħu, ta kontribut tassew siewi biex ilsienna jkompli jikber fil-fergħa letterarja tiegħu u jistagħna b'ġeneri differenti, lil min xogħlijietu ġew tradotti saħansitra f'ilsna oħra u qed jitgawdew minn udjenza akbar, lil min ħeġġeġ lil bosta biex jimxu fuq il-passi tiegħu, lil min ipprotesta b'saħħa fil-ġurnali u fuq il-mezzi soċjali kull meta ħass li lsienna kien qed jitwarrab u ma jingħatax il-post u l-importanza li jixirqulu, li fuq kollox, huma tiegħu bi dritt skont il-kostituzzjoni ta' pajjiżna.

Huwa għalhekk il-pjaċir tiegħi nħabbar li r-rebbieħ tal-*midalja tad-Deheb Ġieħ l-Akkademja tal-Malti* din is-sena huwa s-Sur Charles Casha.

F'isem il-Kunsill kollu tal-Akkademja nifraħ minn qalbi lis-Sur Casha, nirringrazzjah għall-ħidma kollha tiegħu, u nawguralu ħafna aktar snin biex ikompli jagħtina iżjed xogħlijiet letterarji. Jalla jkompli jservi ta' mudell u ispirazzjoni għall-ġenerazzjoni żagħżugħa tagħna l-aktar għal dawk li tassew jemmnu li l-Malti huwa l-isbaħ u l-aqwa għodda li għandna biex infissru bl-aħjar mod ħsusna u ħsibijietna bħala nazzjon li jista' jiftaħar li għandu lsien antik u uniku bi storja kbira, ilsien li minkejja l-isfidi kollha li ltaqa' magħhom matul is-sekli baqa' jiġġedded biex jibqa' ħaj u jaqdi l-ħtiġijiet fundamentali u jesprimi s-sentimenti ta' dan il-poplu.